DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1723

tas-26 ta' Ottubru 2018

dwar il-proġett transkonfinali Rail Baltica fuq il-Kuritur tan-Netwerk Ewlieni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku

(notifikata bid-dokument C(2018) 6969)

(It-testi bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bil-Litwan, u bil-Pollakk biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) tiegħu,

Billi:

(1) Kif rikonoxxut bit-tielet Pjan ta' Ħidma tal-Kuritur tan-Netwerk Ewlieni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku ([2]), il-proġett transkonfinali Rail Baltica huwa mistenni li jkollu rwol kruċjali fl-iżgurar tal-funzjonament tal-kuritur b'konnessjoni interoperabbli u effiċjenti tal-Istati Baltiċi mal-Polonja u lejn il-Finlandja, kif ukoll il-konnessjonijiet multimodali bejn il-baħar, il-ferrovija u t-trasport bit-triq.

(2) Il-proġett Rail Baltica huwa implimentat bħala linja ferrovjarja konvenzjonali u veloċi b'traffiku mħallat ta' passiġġieri u merkanzija. Il-flussi tat-trasport tal-merkanzija u l-passiġġieri huma mistennija li jiżdiedu b'mod sostanzjali wara t-tlestija tal-proġett "Rail Baltica".

(3) Il-proġett "Rail Baltica" huwa proġett transkonfinali kumpless li jinvolvi ħames Stati Membri, u għalhekk il-koordinazzjoni sufiċjenti hija sfida importanti. Sabiex l-implimentazzjoni tagħha koordinata u f'waqtha tkun appoġġata, jeħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet li jistabbilixxu deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Din tista' tgħin sabiex jintlaħqu l-għanijiet transkonfinali tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kuritur tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku. Skont dan il-Pjan ta' Ħidma, il-proġett transkonfinali Rail Baltica għandu jkun operazzjonali malajr kemm jista' jkun u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mill-2030.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(4) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, il-baġit li jifdal meħtieġ għall-implimentazzjoni sħiħa tal-proġett transkonfinali Rail Baltica huwa stmat li jkun ta' mill-anqas EUR 5,6 biljun. Il-proġetti implimentati jew ippjanati s'issa jammontaw għal kważi EUR 1,9 biljun u jinvolvu finanzjament mill-Unjoni (sa 85 % tal-ispejjeż eliġibbli). Huwa importanti li jiġu identifikati l-azzjonijiet meħtieġa biex jitlesta il-proġett Rail Baltica sabiex id-disponibbiltà relatata ta' finanzjament tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, kif ukoll tipi ta' appoġġ rilevanti oħrajn, jistgħu jkunu ppjanati u ottimizzati għalkollox.

(5) Id-dimensjoni transkonfinali tal-proġett tirrikjedi t-twaqqif ta' strutturi ta' governanza apposta. Jenħtieġ li l-Koordinatur Ewropew tal-Kuritur tan-Netwerk Ewlieni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku u rappreżentant tal-Kummissjoni jipparteċipaw f'dawk l-istrutturi bħala osservaturi.

(6) L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja ffirmaw u rratifikaw ftehim intergovernattiv, li fih qablu li jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ fil-proġett Rail Baltica. Għall-implimentazzjoni tal-proġett ġew stabbiliti u nnominati l-kumpanija RB Rail AS u korpi nazzjonali ta' implimentazzjoni. It-Task Force Rail Baltica jipprovdi t-tmexxija u l-koordinazzjoni bejn il-ministeri tal-Estonja, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Polonja u tal-Finlandja.

(7) Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress tal-implimentazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapporti regolari dwar il-kwistjoni, li jikkonċernaw is-sezzjonijiet li jinsabu fit-territorji rispettivi tagħhom, u jenħtieġ li jinnotifikaw dwar kwalunkwe dewmien li kien hemm.

([1]) ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1.
([2]) Ara l-Pjan ta' Ħidma fuq https://ec.europa.eu/transport/themes/infrastructure/north-sea-baltic_en

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni ġew approvati mill-Estonja, mill-Latvja, mil-Litwanja, mil-Polonja u mill-Finlandja.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi deskrizzjoni tal-azzjonijiet u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-proġett transkonfinali Rail Baltica (Tallinn-Pärnu-Riga-Panevėžys-Kaunas-Warszawa, b'konnessjoni ma' Vilnius), kif ukoll id-dispożizzjonijiet ta' governanza relatati.

Artikolu 2

Azzjonijiet u skeda ta' żmien

L-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni f'waqtha tal-azzjonijiet li ġejjin:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2018:

(1) għandu jitlesta d-disinn tekniku preliminari konsolidat fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja;

(2) għandhom jitlestew il-valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja (għajr minn Kaunas sa Vilnius u minn Kaunas sal-fruntiera statali ta' bejn il-Litwanja u l-Polonja);

(3) għandu jitlesta u jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Estonja, tal-Latvja u tal-Litwanja l-istudju dwar il-ġestjoni tal-infrastruttura fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja;

(b) sat-30 ta' Ġunju 2019: għandha tiġi konkluża mill-Estonja, mil-Latvja u mil-Litwanja deċiżjoni dwar il-ġestjoni tal-infrastruttura mibnija;

(c) sal-31 ta' Diċembru 2020:

(1) għandhom jitlestew il-valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi fil-Litwanja minn Kaunas sal-fruntiera statali ta' bejn il-Litwanja u l-Polonja;

(2) għandhom jitlestew l-ippjanar (territorjali) spazjali u l-allinjament tar-rotta dettaljat approvat fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja (għajr minn Kaunas sa Vilnius);

(3) għandha tkun inbdiet il-kostruzzjoni fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja;

(4) għandu jitlesta d-disinn tekniku tal-ferrovija fl-Estonja, fil-Latvja (is-sezzjoni ċentrali madwar Riga) u fil-Litwanja (għajr minn Kaunas sa Vilnius u minn Kaunas sal-fruntiera statali ta' bejn il-Litwanja u l-Polonja);

(5) għandhom jitlestew fil-Polonja l-istudji dettaljati u l-proċeduri ambjentali li jiddefinixxu l-parametri tekniċi u ta' żmien għall-implimentazzjoni tas-sezzjoni tal-fruntiera statali ta' bejn Ełk-il-Polonja u l-Litwanja;

(d) sal-31 ta' Diċembru 2021:

(1) għandu jitlesta l-akkwist tal-artijiet fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja (għajr minn Kaunas sa Vilnius u minn Kaunas sal-fruntiera statali ta' bejn il-Litwanja u l-Polonja);

(2) għandhom jitlestew l-ippjanar (territorjali) spazjali u l-valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi u l-allinjament tar-rotta dettaljat approvat fil-Litwanja minn Kaunas sa Vilnius;

(3) għandu jitlesta d-disinn tekniku fil-Latvja (is-sezzjonijiet tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar);

(e) sal-31 ta' Diċembru 2023:

(1) għandu jitlesta l-akkwist tal-artijiet fil-Litwanja minn Kaunas sa Vilnius u minn Kaunas sal-fruntiera statali ta' bejn il-Litwanja u l-Polonja;

(2) għandu jitlesta d-disinn tekniku tal-ferrovija fil-Litwanja minn Kaunas sal-fruntiera statali ta' bejn il-Litwanja u l-Polonja u minn Kaunas sa Vilnius;

(f) sal-31 ta' Diċembru 2025:

(1) għandha titlesta l-infrastruttura ferrovjarja bħala linja ferrovjarja b'żewġ binarji għat-traffiku mħallat, tajba għall-ferroviji tal-merkanzija tat-tul minimu ta' 740-m, elettrifikati, bil-gejġ tal-UIC, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja u fil-Polonja;

(2) għandha tkun skjerata s-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) sabiex tinkiseb l-interoperabbiltà sħiħa, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/6 ([1]), fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja u fil-Polonja;

(3) għandha tkun żgurata kapaċità għat-trasbord fit-terminals ferrovjarji eżistenti u ġodda, li għandhom ikunu konnessi permezz ta' linja ferrovjarja veloċi konvenzjonali elettrifikata b'żewġ binarji u gejġ standard Ewropew (1 435 mm).

Artikolu 3

Governanza

1. Il-progress tal-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2 għandu jiġi diskuss, mill-anqas darbtejn fis-sena bejn ir-rappreżentanti tal-Estonja, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Polonja u tal-Finlandja fit-Task Force intergovernattiv (ministerjali) Rail Baltica, bil-parteċipazzjoni tal-Koordinatur Ewropew tal-Kuritur tan-Netwerk Ewlieni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku u tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni.

2. Il-Koordinatur Ewropew tal-Kuritur tan-Netwerk Ewlieni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti nominati tal-Polonja u tal-Finlandja għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Bord Superviżorju ta' RB Rail AS.

Artikolu 4

Rapportar

L-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja għandhom jirrappurtaw mill-inqas darba fis-sena lill-Kummissjoni u lill-Koordinatur Ewropew tal-Kuritur tan-Netwerk Ewlieni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2 u għandhom jinnotifikaw kwalunkwe dewmien li jiltaqgħu miegħu, filwaqt li jispeċifikaw ir-raġunijiet għad-dewmien u jindikaw il-miżuri korrettivi meħuda. Għal dan il-għan, dawk l-Istati Membri jistgħu jużaw, meta jkun xieraq, il-kontenut tar-Rapporti tal-Istatus Annwali li għandhom jiġu sottomessi fil-qafas tal-Ftehimiet ta' Għotja tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Artikolu 5

Rieżami

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023, wara konsultazzjoni mal-Estonja, mal-Finlandja, mal-Latvja, mal-Litwanja u mal-Polonja u bl-assistenza tal-Koordinatur Ewropew tal-Kuritur tan-Netwerk Ewlieni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-azzjonijiet u tal-iskeda ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 2.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lir-Repubblika tal-Polonja u lir-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni
Violeta BULC
Membru tal-Kummissjoni

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/6 tal-5 ta' Jannar 2017 dwar il-pjan Ewropew ta' mobilitazzjoni għas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ĠU L 3, 6.1.2017, p. 6).